Diff: 10/04/2002

# TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR:**
**Dr Audrey J. Demicoli LL.D.**

**Avviz numru 1834/01AJD**

**Middle Sea Insurance Agency Plc**

**vs**

**Scardaci Salvatore**

**Seduta mizmuma illum it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2002**

**PS346 Joseph Mangani prodott mis-socjeta attrici, bil-Malti, bil-gurament tieghu jghid:**

**Fit-8 ta' Jannar,2000, ghal habta tan-12.30pm, jiena investigajt incident awtomobilistiku li sehh f'Imdina Road Haz-Zebbug hdejn ix-**

**showrooms tal-Futura Home Appliances. Dan l-incident kien bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAX 665 misjuqa minn Salvatore Scardaci u vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAM 945 misjuqa minn Emanuel Bezzina. Din il-vettura tal-ahhar jirrizulta li kienet ipparkeggjata.**

**Qed nesebixxi kopja tar-Road Accident Report illi qed jigi immarkat bhala Dok AA1. Nghid illi meta mort fuq il-post jiena ma stajtx naghmel skizz ghaliex il-vetturi kienu ga tnehhew minn posthom. Il-verzjonijiet li tawni il-partijiet ta' kif sehh l-incident huma kif indikati fir-Road Servicing Report li ghadni kemm esebejt.**

**Kontro-ezami riservat.**

**Din hija is-sustanza tax-xhieda ta' PS 364 Joseph Mangani dettata mit-Tribunal fil-presenza tax-xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Vincent Cauchi**

**Traskrittur**